# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIELET KTIEB TA' L-1927


## ĠUŻÊ MUSCAT-AZZOPARDI

L-ewwel Direttur ta' IL-MALTI u l-ewwel President tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* ma għadux iżjed magħna. Il-Kavalier Ġużê Muscat-Azzopardi B.M., P.E.P., P.L. miet fl-4 ta' Awwissu 1927 fil-ħamsa u nofs ta' fil-għaxija. Kellu 74 sena.

Jekk naqsmu l-letteratura maltija f'żewġ sehmiet, il-qadima u l-ġdida, nistgħu, bla biża' ta' xejn, ingħidu li s-sur Ġużê Muscat-Azzopardi kien il-missier tal-letteratura l-ġdida tal-lsien malti: kittieb minn l-aħjar u minn l-ewlenin tal-proża maltija, romanzi, traduzzjonijiet eċċ., poeta minn l-iżjed imsemmija, ġurnalist minn l-aqwa.



Kemm ħadem għal-lsien malti ma hemmx bżonn ingħiduh aħna: kullħadd jaf kemm għamel biex twaqqfet u mxiet il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* li tagħha kien l-ewwel President u kemm ħabrek għar-rivista tagħha IL-MALTI li tagħha kien l-ewwel Direttur.

B'tifkira għażiża tiegħu, il-*Għaqda* bi ħsiebha toħroġ għadd għalih ta' dan IL-MALTI. F'dan, barra minn bijografija tiegħu, ikun hemm bċejjeċ ta' proża u poeżija milli ħallielna.